**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 8 ta' Novembru 2019**

**Rikors Numru : 214/2018 JPG**

**Kawza Numru : 19**

**LB**

**Vs**

**DB, JB, MB u d-Direttur tar-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' LB, datat 3 ta' Awissu 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenti twieldet fl-isptar San Luqa, il-Pieta' fil-X, fil-5.15 pm, lill-konvenuta DB, fiz-zwieg taghha mal-konvenut JB, u t-twelid taghha gie registrat bhala bint l-imsemmija konvenuti fir-Registru Pubbliku bic-Certifikat tat-Twelid numru X1.*

2. *Illi madankollu, l-esponenti giet mghammda fil-Parrocca ta' X2, Ghawdex, bhala bint l-istess konvenuta DB u VC, u l-parrini taghha kienu PB u CM, li tigi z-zija tal-istess VC u ghadha hajja.*

3. *Illi l-esponenti qattghet l-ewwel hames snin ta' hajjitha tghix Ghawdex, bhala bint VC fir-residenza tieghu, mal-konvenuta ommha DC. Illum ghandha 25 sena, u baqghet kontinwament maghrufa bhala l-bint naturali ta' VC, ghalkemm ghexet ghal zmien twil fir-residenza tar-ragel ta' ommha, ossia l-konvenut JB.*

4. *Illi ghalhekk, l-esponenti m'ghandhiex stat konformi mal-att tat-twelid taghha, u ghandha wkoll interess li tistabilixxi l-filjazzjoni proprja taghha bhala bint il-mejjet*

*VC.*

5. *Illi VC miet fit-12 ta' Jannar 2017, fl-isptar Generali ta' Ghawdex, bl-ahhar testament tieghu pubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Josianne Mifsud tad-29 ta' Lulju 2016, huwa nnomina b'unika eredi universali tieghu mieghu lill-konvenuta l-ohra MB, bint ohra tal-konvenuta DB.*

6. *Illi l-esponenti ghandha fil-pussess taghha testijiet xjentifici li jippruvaw, lil hinn minn kull dubju, li l-konvenut JB mhuwiex il-missier bijologiku taghha.*

7. *Illi huwa ghalhekk mehtieg li din il-Qorti tiddikjara lill-esponenti bhala l-bint naturali ta' VC, u li konsegwentement tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-Twelid taghha, billi jikkancella d-dettalji tal-konvenut JB minn fuq l-istess att, u jissostitwhom bid-dettalji tal-missier naturali taghha VC, imwieled X2, Ghawdex, iben AC, u li meta twieldet l-esponenti kellu W sena, u ma kellux impjieg.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi u dawk kollha li jirrizultaw fil-kors ta' din il-kawza, prevja kull ordni jew provvediment iehor opportun, l-esponenti titlob bir-rispett li din il-Qorti joghgobha:*

1. *Tiddikjara u tiddeciedi li hija l-bint naturali tal-mejjet VC;*

2. *Tordna lil-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjonijiet opportuni fl-att tat-twelid taghha fuq imsemmi billi tordna li fir-ringiela msejha "Missier it-Tarbija".*

*(i) Fil-kolonna "Isem u kunjom", il-kliem "JB" jigu kancellati u sostitwiti bil-kliem "VC";*

*(b) Fil-kolonna "Professjoni, sengha jew stat iehor", il-kliem "Health Attendant" jigu kancellati u sostitwiti bil-kliem "unemployed";*

*(c) Fil-kolonna "Eta'", in-numru "Z" jigi kancellat u sostitwit bin-numru "W";*

*(d) Fil-kolonna "Fejn Twieldu", il-kelma "Y" tigi kancellata u sostitwita bil-kelma "X, Gozo";*

*(e) Fil-kolonna "Isem u Kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet", il-kliema "JB (dead)" jigu kancellati u sostitwiti bil-kliem "AC (Alive)".*

*Bl-ispejjez kontra l-intimata, li jibqghu ngunti minn issa ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, datata 22 ta' Ottubru 2018, a fol 19 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi preliminarjament għandha tiġi sorvolata l-kwistjoni tal-pussess ta' stat u dan stante li Artikolu 77 tal-Kodiċi Ċivili jaqra: '**Bla ħsara għal dak li jiddisponi l-artikolu 81**, il-filjazzjoni ta' tifel imwieled matul iż-żwieġ tista' tiġi attakkata wkoll minn kull min ikollu interess (...)";*

2. *Illi bla preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, l-esponent jistqarr li ma huwiex edott mill-fatti li ġew indikati fir-rikors ġuramentat;*

3. *Illi stante tali proċeduri jitrattaw denegata paternita', l-attriċi sussegwentament jeħtieġilha illi tipprova u tissodisfaw waħda mir-rekwiżiti li jelenka Artikolu 77 tal-Kodiċi Ċivili u f'każ illi din l-Onorabbli Qorti tordna li jsiru testijiet ġenetiċi, l-esponent ma jsib l-ebda oġġezzjoni u jirrimetti ruħu għar-riżultanzi istruttorji;*

4. *Illi jekk jirriżulta li l-attriċi ma hijiex il-wild naturali tal-konvenut JB iżda jirriżulta li hija l-wild naturali tad-decujus VC, u jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent jiddikjara li ħa konjizzjoni tad-dettalji ta' VC kif indikati fir-rikors promotur;*

5. *Illi subordinatament u f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tal-attriċi, huwa importanti li l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem JB, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm, għandhom jiġu*

*kanċellati mill-Att tat-Twelid ta' LB;*

6. *Illi finalment u mingħajr preġudizzju għas-surriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni odjerna mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' għaġir tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u għaldaqstant huwa ma għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

7. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda minn issa tiġi nġunta in subizzjoni.*

Rat in-nota tal-konvenut JB, datata 22 ta' Ottubru 2018, a fol 22 li taqra hekk:

*Li permezz taghha jammetti t-talbiet ta' LB f'din il-kawza.*

Rat ir-risposta guramentata ta' l-intimati DB u MB, datata 25 ta' Ottubru 2018, a fol 24 li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti DB tiddikjara illi sa fejn taf hi, ir-rikorrenti LB hija l-wild naturali ta' VC;*

2. *Illi l-esponenti MB la tista tikkonferma u lanqas tista tichad dak allegat mir-rikorrenti;*

3. *Illi l-esponenti MB ma hijiex legittimu kontradittur u ddahhlet f'din l-istanza inutilment u konsegwentement ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;*

4. *Illi fil-mertu ghandhom isiru testijiet u provi genetici u xjentifici sabiex jigi kkonfermat dak allegat mir-rikorrenti.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat;**

**Dr. Marisa Cassar** xehdet a fol 35 *et seqq* illi jekk isir test genetiku fuq l-omm, iz-zewgt'ulied u z-ziju tal-ulied dan ikun jista' jistabilixxi li VC huwa missier l-attrici f'percentagg ta' aktar minn 80%.

**LB** xehdet permezz t'affidavit a fol 45 *et seqq* illi hija tigi bint DB, li hija mizzewga lil JB, filwaqt li l-konvenuta l-ohra MB hija ohtha mill-istess omm DB u trabbiet maghha. Xehdet illi hija twieldet fil-15 ta' Settembru 1993 u sa minn kemm tiftakar hija dejjem kienet taf li JB m'huwiex missierha. Spjegat illi sakemm kellha hames snin, hi, ohtha Mu ommha kienet jghixu Ghawdex ma' certu VC li dejjem tafu bhala missierha, u wara kienet marru jghixu ma' JB, fejn kien hemm ukoll tlett itfal ohra ta' ommha li kellha ma' JB. Kompliet illi ghalkemm JB kien jaf li m'hijiex bintu naturali, dejjem kien zammha ta' bintu u ha hsiebha, u filfatt ghad ghandhom relazzjoni tajba sal-llum u ghada tghix fid-dar mieghu ghalkemm ommha telqet sabiex tghix ma' ragel iehor.

Qalet illi meta kellha disa' snin, hi u ohtha M kienu jmorru Ghawdex jaraw lil VC qisu darba kull xahar jew xahrejn sakemm hi kellha xi hmistax-il sena, izda mbaghad waqfet tmur tarah daqshekk ta' spiss ghal diversi ragunijiet. Ziedet illi pero, meta kienet saret taf li kien marid u kien wasal fl-ahhar, bdiet tmur tarah aktar ta' spiss. Qalet ukoll li sa fejn taf hi, C kien ghamel testment fejn iddikjara li kemm hi u kif ukoll M huma wliedu, u li kien ser ihallilhom wirt indaqs.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat illi fir-risposta guramentata taghhom, il-konvenuti DB u MB ikkonfermaw bil-gurament taghhom illi sa fejn jafu huma, l-attrici hija l-wild naturali ta' VC.

Il-Qorti rat illi t-testijiet genetici maghmula minn Dr. Marisa Cassar fuq l-attrici u JB, jistabilixxu illi B m'huwiex il-missier bijologiku tal-attrici.

Il-Qorti rat illi fic-certifikat tal-maghmudija tal-attrici, kien gie dikjarat illi missierha kien VC.

Il-Qorti rat ukoll illi fit-testment tieghu tad-29 ta' Lulju 2005, VC ddikjara illi l-attrici u l-konvenuta MB huwa uliedu, ghalkemm dan it-testment kien gie sussegwentement irrevokat permezz ta' testment iehor datat 29 ta' Lulju 2016, fejn l-istess C kien innomina lil MB wahedha bhala l-eredi universali tieghu.

Il-Qorti rat illi DB, omm l-attrici, ammettiet it-talbiet kif dedotti permezz ta' nota t'ammissjoni prezentata mid-difensur legali taghha waqt is-seduta tat-12 ta' Lulju 2019.

Mill-verbal tas-seduta tat-12 ta' Lulju 2019 jirrizulta illi l-partijiet iddikjaraw illi l-pendenzi ta' bejniethom huma sorvolati peress illi gie ffirmat kuntratt bejniethom, u awtorizzaw lil Qorti sabiex tghaddi ghas-sentenza, b'dan illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet, ghajr ghall-ispejjez tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, li ghandhom jigu divizi bejn il-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi mit-talbiet tal-attrici, u l-eccezzjonijiet tal-konvenuti billi:-**

1. **Tiddikjara u tiddeciedi li l-attrici hija l-bint naturali tal-mejjet VC;**

2. **Tordna lil-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjonijiet opportuni fl-att tat-twelid taghha fuq imsemmi billi tordna li fir-ringiela msejha "Missier it-Tarbija":**

**(i) Fil-kolonna "Isem u kunjom", il-kliem "JB" jigu kancellati u sostitwiti bil-kliem "VC";**

**(ii) Fil-kolonna "Professjoni, sengha jew stat iehor", il-kliem "Health Attendant" jigu kancellati u sostitwiti bil-kliem "unemployed";**

**(iii) Fil-kolonna "Eta'", in-numru "Z" jigi kancellat u sostitwit bin-numru "W";**

**(iv) Fil-kolonna "Fejn Twieldu", il-kelma "Y" tigi kancellata u sostitwita bil-kelma "X, Gozo";**

**(v) Fil-kolonna "Isem u Kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet", il-kliema "JB (dead)" jigu kancellati u sostitwiti bil-kliem "AC (Alive)".**

3. **Tordna wkoll illi l-kelmiet "*the said*" li jinsabu qabel isem JB, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm, ghandhom jigu kancellati mill-Att ta' Twelid tal-attrici.**

**L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jibqu' bla taxxa bejn il-partijiet, hlief ghall-ispejjez tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, li ghandhom jithallsu fi kwoti ugwali minn LB, DB u MB.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**